



Brussell, 30 ta' Ġunju 2020  
(OR. en)

9196/20

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2019/0196(NLE)**

---

**WTO 109**  
**AGRI 191**

**NOTA PUNT "I/A"**

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       |
|----------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                      |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                               |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera fil-kuntest ta' negozjati skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet tad-WTO lill-Iżvizzera fir-rigward ta' laħam imħawwar<br>- Adozzjoni |

1. Fl-24 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni ppreżentat proposta lill-Kunsill għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar<sup>1</sup>, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżvizzera b'rabta man-negozjati skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet tad-WTO tal-Iżvizzera dwar il-laħam imħawwar mhux ippreparat mod ieħor, kif ukoll proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni<sup>2</sup> ta' dak il-Ftehim.

---

<sup>1</sup> dok. 12478/19 + ADD 1

<sup>2</sup> dok. 12479/19 + ADD 1.

2. Fl-24 ta' Ottubru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar<sup>3</sup> tal-Ftehim. Fl-istess ħin u f'konformità mal-Artikolu 218(6)(a)(v) TFUE, il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, flimkien mal-Ftehim innifsu<sup>4</sup>, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu, bil-ħsieb tat-tħejjija għall-konklużjoni futura tal-Ftehim.
3. Il-Ftehim ġie ffirmat fid-9 ta' Diċembru 2019.
4. Fis-17 ta' Ġunju 2020, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim.
5. Fis-26 ta' Ġunju 2020, il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) approva l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim.
6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għall-konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:
  - jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 12482/19 + COR 1;
  - jieħu nota li l-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew.

---

<sup>3</sup> dok. 12481/19 + COR 1 (ippubblikat f'ĠU L 289, 8.11.2019, p. 1).

<sup>4</sup> dok. 12483/19 + COR 1.